## L-ISTUDENTI IDEALI

Ħellow tfal,

Kif intom? Nispera li tinsabu b'saħħitkom u ferħanin fil-klassi l-ġdida ta' din is-sena. Issa diġà ilkom xahar pero xorta għadkom f'sena ġdida tal-iskola. Ċerta li intom ilkoll għandkom ħafna xewqat u tixtiequ tmorru ħafna tajjeb matul din is-sena skolastika. Min jaf kemm hawn minnkom li għamiltu xi xewqat minn dawn:

- Tagħmel ħbieb ġodda
- Toqgħod attent/a fil-klassi
- Tikteb pulit
- Ma toqgħodx tpaċpaċ mal-ħbieb waqt il-lezzjonijiet
- Iżomm il-pitazz u l-kotba fl-ordni
- Tibda tistudja aktar u aktar....



Dawn huma xewqat verament sbieħ li jsebbħuk ħafna bħala student għax b'hekk tkun l-istudent ideali. Tibda tħossok speċjali wkoll. Minbarra li l-ġenituri u l-għalliema, il-Mulej jieħu ħafna gost bik.

Tfal, ġie f'idejja artiklu u kien hemm xi ħaġa li veru għoġbitni u nixtieq naqsamha magħkom. Tkun ħaġa sabiħa jekk intom stess taqrawha jew turuha lill-ġenituri tagħkom. Dawn huma punti li tajjeb li naħsbu dwarhom u li żgur jagħmluna l-isbaħ bniedem!

- L-akbar ostaklu? → Meta tibża'
- L-akbar ħaġa li faċli tagħmel? → Tiżbalja
- L-akbar żball? → Meta taqta' qalbek
- L-akbar telfa? → Meta ċċedi
- X'jagħmlek ferħan? → Meta tgħin lil xi ħadd
- L-akbar rigal? → Meta taħfer
- L-aqwa arma? → Meta titbissem
- L-aħjar mediċina? → Tkun ottimist (Tħares lejn is-sabiħ tal-ħaġa jew problema li jkollok)
- L-agħar difett? → Il-burdati
- L-isbaħ jum? → Illum
- L-aqwa qawwa fid-dinja? → Il-fidi

Xi ħsibijiet sbieħ hux tfal?! Tajjeb li naħsbu dwarhom u nżommuhom f'moħħna. B'hekk nibdew inħossuna verament speċjali. Wara kollox Ġesu' hekk iridna nkunu peress li aħna lkoll speċjali għalih. Tfal, sakemm nerġgħu niltaqgħu nawguralkom ħafna ferħ, paċi u suċċessi fil-ħajja tagħkom!

 *Marie Claire Sammut*